IR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/128

tat-3 ta' Frar 2021

li jiffissa l-bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 16(2) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, il-limitu massimu annwali għan-nefqa tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) għas-snin 2021 sa 2027 għandu jkun kostitwit mill-ammonti massimi tas-sublimitu massimu għan-nefqa relatata mas-suq u l-pagamenti diretti stipulati fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 ([2]).

(2) F'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 11(6) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), bosta Stati Membri nnotifikaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħhom dwar it-tnaqqis tal-ammont tal-pagamenti diretti skont l-Artikolu 11(1) ta' dak ir-Regolament u tal-prodott stmat riżultanti tat-tnaqqis għas-sena kalendarja 2020. F'konformità mal-Artikolu 7(2) ta' dak ir-Regolament, il-prodott stmat tat-tnaqqis tal-pagamenti jrid ikun disponibbli bħala appoġġ tal-Unjoni ffinanzjat permezz tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR).

(3) F'konformità mas-sitt subparagrafu tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, diversi Stati Membri nnotifikaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħhom li jagħmlu disponibbli bħala appoġġ addizzjonali taħt l-FAEŻR, fis-sena finanzjarja 2021, ċertu perċentwal tal-limitu massimu nazzjonali annwali tagħhom għall-pagamenti diretti għas-sena kalendarja 2020.

(4) F'konformità mas-sitt subparagrafu tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, diversi Stati Membri nnotifikaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħhom li jagħmlu disponibbli bħala pagamenti diretti għas-sena kalendarja 2020 ċertu ammont ta' appoġġ li jrid jiġi ffinanzjat permezz tal-FAEŻR fis-sena finanzjarja 2021.

(5) Il-limiti massimi nazzjonali rilevanti stipulati fl-Annessi II u III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 ġew adattati kif meħtieġ.

(6) F'konformità mal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093, il-limitu massimu għan-nefqa relatata mas-suq u l-pagamenti diretti tal-qafas finanzjarju pluriennali stipulat fl-Anness I ta' dak ir-Regolament għandu jiġi aġġustat skont l-aġġustament tekniku previst fl-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament wara li jsiru t-trasferimenti bejn l-FAEŻR u l-pagamenti diretti.

(7) Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi aġġustat il-bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG għas-snin finanzjarji 2021 sa 2027. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-ammonti li għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-FAEŻR jiġu ppubblikati wkoll,

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija għas-snin finanzjarji 2021 sa 2027 huwa stipulat fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Frar 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li jiffissa l-bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG

(EUR miljun)

Sena finanzjarja	Ammonti disponibbli għall-FAEŻR		Ammonti trasferiti mill-FAEŻR	Bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG
	L-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013	L-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013	L-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013	
2021	1 099,539	58,165	600,658	40 367,954
2022				41 257,000
2023				41 518,000
2024				41 649,000
2025				41 782,000
2026				41 913,000
2027				42 047,000